**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Gunju 2025**

Rikors Numru: 156/2025 AL

AB u C D

(M.R. Numru 789/2007)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors konġunt li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu esponew:

1. Illi l-Partijiet iżżewġu nhar is-sitta ta' Ġunju tas-sena elfejn u sebgħa (06/06/2007) ġewwa l-Knisja l-Qadina ta' Santa Venera, Santa Venera (Kopja taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOKA),

2. Illi minn dan iż-żwieġ b'kollox twieldu żewġt itfal, u ċioe'ED li twieldet nhar it-tmienja t'April tas-sena elfejn u disgha (08/04/2009) u F D li twieled nhar il-ħmistax ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (15/09/2012) u dunque għadhom minuri (kopja taċ-Ċertifikati tat-Twelid qed jiġu annessi u mmarkati bħala 'DOK.B' u 'DOK.Ċ rispettivament);

3. Ili l-Partijiet ilhom separati *de facto* minn Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) mentri ilhom separati *de jure* mill-ħamsa u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (25/03/2025) permezz ta' Att ta' Firda Personali liema Att Pubbliku gie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, u li huwa fl-Atti tan-Nutar Dr Charmaine Bonnici (Kopja tal-Kuntratt tas-Separazzjoni qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.D');

4. Illi l-esponenti qed jiddikjaraw li m'hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti;

5. Illi l-Partijiet qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u llum il-ġurnata għandhom il-ħajja tagħhom. Għaldaqstant, l-esponenti qed jiddikjaraw li ma teżisti l-ebda possibilita' ta' rikonċiljazzjoni.

6. Illi l-Mara qed tiddikjara li tixtieq tirriverti għal kunjomha xebba u ċioe' 'G'.

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (KAP.16) tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi ma' dan ir-Rikors, qed jiġu annessi l-Affidavits tal-Esponenti nfushom (Affidavits qed jiġu annessi u mmarkati bħala DOK.E' u 'DOK.F'');

9. Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-Esponenti umilment qed jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

i.Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar is-sitta ta' Ġunju tas-sena elfejn u sebgħa (06/06/2007) ġewwa l-Knisja l-Qadima ta' Santa Venera, Santa Venera,

ii. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-Partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

iii.Tawtorizza lill-Mara tirriverti għal kunjomha xebba u cioe' 'G'.

U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda taż-żewġ rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 t'April 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Lulju tas-sena 2024 u legalment separti mill-25 ta' Marzu 2025;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.